# *L-INFERN*
## DESKRIZZJONI BIBLIKA DWAR
**George Ebejer**

Huma ħafna l-ideat u l-opinjonmijiet dwar l-*infern*. Xi wħud jemmnu li dan jeżisti, oħrajn li ma jeżistix. Minn dawk li jemmnu li jeżisti, xi wħud jemmnu li dan huwa post letterali waqt li oħrajn jemmnu li huwa biss figurattiv. Biex aħna nsibu l-verità, hemm biss sors wieħed: il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Il-Bibbja tagħmilha ċara li l-*infern tabilħaqq jeżisti* li l-*infern huwa* post letterali. Mela, x'tgħidilna l-Bibbja dwar l-*infern*?

## Ambjent

- **Dawk mibgħuta fl-*infern* jinsabu barra u miżmuma barra mill-preżenza tal-Mulej:**

**Mattew 8:12,**

> "*Waqt li dawk li twieldu fis-saltna jitkeċċew* ***'il barra*** *fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.*"

**2 Tessalonikin 1:9,**

> "*Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem,* ***'il bogħod*** *minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu.*"

- **L-*infern* huwa post ta' dlam:**

**Mattew 8:12,**

> "*Waqt li dawk li twieldu fis-saltna jitkeċċew 'il barra fid-* ***dlam****; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.*"

**Mattew 22:13,**

> "*Imbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qegħdin iservu, 'Orbtulu riġlejh u idejh u waddbuh 'il barra* ***fid-dlam****; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!*"

**Mattew 25:30,**

> "*U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħu 'il barra* ***fid-dlam****: hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!*"

- **Imma, l-*infern* b'mod aktar speċifiku huwa s-swied tad-dlamijiet:**

**2 Pietru 2:17,**

> "*Dawn huma għejun bla ilma, sħab imġerri minn tempesta; li għalihom hu merfugħ* ***is-swied tad-dlam*** *għal dejjem.*"

**Ġuda 13,**

"*Dawn huma nies…li għalihom hu merfugħ **is-swied tad-dlamijiet** għal dejjem.*"

- **M'hemm ebda dubju li hemm duħħan fl-*infern*:**

**Rivelazzjoni 14:11,**

"*U **d-duħħan** tat-tbatija tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem; u ma jkollhomx mistrieħ, la bil-lejl u lanqas bin-nhar, dawk li jixteħtu jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha u min jieħu l-marka ta' isimha.*"

- **Id-duħħan qiegħed hemm għaliex *l-infern* huwa post tan-nar:**

**Matthew 5:22,**

"*Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh igħidlu, 'Ġifa,' ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sanhedrin; u jekk igħidlu, 'Iblah,' ikun ħaqqu **n-nar** ta' l-infern.*" (Grieg, *Gehenna.*)

**Mattew 18:8-9,**

"*Jekk idek jew sieqek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra u armiha 'l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda jew b'sieq waħda fil-ħajja, milli tkun mixħut b'idejk it-tnejn jew b'saqajk it-tnejn **fin-nar** ta' dejjem. U jekk għajnek hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqlagħha barra u armiha 'l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b'għajn waħda fil-ħajja, milli tixteħet b'għajnejk it-tnejn **fin-nar** ta' **l-infern**.*" (Grieg, *Gehenna.*)

**Mattew 25:41,**

"*Imbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn quddiemi, misħutin, **fin-nar** ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għal l-anġli sħabu.*"

**Mark 9:43,**

"*U jekk idek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra; jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda fil-ħajja, milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern, **fin-nar** li ma jintefiex.*" (Infern, Grieg, *Gehenna.*)

**Luqa 16:24,**

"*U għolla leħnu qallu, 'Missier, Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-*

*nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan **in-nar**.*"

**Ġuda 7, 23,**

"*U hekk ukoll ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għaż-żina u ntelqu wara l-pjaċir kontra n-natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig **tan-nar** ta' dejjem.*"

- **Nar qawwi:**

**Danjel 7:11,**

"*Jien bqajt inħares minħabba l-ħoss tal-kliem kburi, li kien igħid il-qarn, u qgħadt inħares sa ma nqatlet il-bhima, u ġisimha nqered, u ntafa' **fin-nar**.*"

- **Nar li jeqred:**

**Isaija 33:14,**

"*Il-midinbin jibżgħu f'Sijon; il-biża ħakem lill-midgħija. Min, minna jista' joqgħod ma' **nar** li jeqred? Min minna jista' joqgħod ma' ħwejjeġ ta' dejjem?*"

- **Nar li ma jintefiex, biex inkunu eżatti:**

**Isaija 1:31,**

"*U l-qawwi jsir bħal stoppa, u egħmilu xrara, u t-tnejn **jinħarqu** flimkien, u ħadd ma jkun hemm biex **jitfihom**.*"

**Mattew 3:12,**

"*Il-midra tiegħu qiegħda f'idu, u jnaddaf sewwa l-qiegħa tiegħu; u jiġbor il-qamħ tiegħu fil-maħżen; iżda **b'nar** li ma jintefiex jaħraq it-tiben.*"

- **L-*Infern* huwa magħruf bħala l-għadira tan-nar:**

**Rivelazzjoni 20:14-15,**

"*U l-mewt u mkien l-imwiet kienu mitfugħin fil-**għadira tan-nar**. Din hi t-tieni mewt. U kull min ma nstabx miktub fil-ktieb tal-ħajja, kien mitfugħ fil-**għadira tan-nar**.*"

- **Bħala "nar u kubrit":**

**Rivelazzjoni 19:20,**

"*U l-bhima kienet maqbuda, u magħha l-profeta qarrieq li kien jgħamel il-mirakli quddiemha, li bihom qarraq lil dawk*

*li kellhom il-marka tal-bhima, u lil dawk li kienu jqimu x-xbieha tagħha: Dawn it-tnejn kienu mitfugħin ħajjin fil-**għadira tan-nar jaħraq bil-kubrit**.*"

**Rivelazzjoni 20:10,**

"*U x-xitan li qarraq bihom kien mitfugħ fil-**għadira tan-nar u kubrit**, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieq, u jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem.*"

**Rivelazzjoni 21:8,**

"*Iżda l-beżżiegħa, u dawk li ma jemmnux, u l-moqżieża, u l-qattiela, u ż-żienja, u saħħara, u l-idolatri, u l-giddieba koll-ha, ikollhom sehemhom fil-**għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit**: din hi t-tieni mewt.*"

- **Bħala "forn tan-nar":**

**Mattew 13:42, 50,**

"*U jitfagħhom fil-**forn tan-nar**: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien…u jitfgħuhom fil-**forn tan-nar**: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien.*"

- **Magħruf ukoll bħala post ta' kubrit jaqbad:**

**Rivelazzjoni 14:10,**

"*Jixrob hu wkoll l-inbid tal-għadab ta' Alla, li hu msawwab mingħajr taħlit fit-tazza tal-qilla tiegħu; u jinħaqar bin-**nar u l-kubrit** quddiem l-anġli qaddisa, u quddiem il-Ħaruf.*"

**Rivelazzjoni 19:20,**

"*U x-xitan li qarraq bihom kien mitfugħ fil-**għadira tan-nar u kubrit**, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieq, u jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem.*"

**Rivelazzjoni 20:10,**

"*U x-xitan li qarraq bihom kien mitfugħ fil-**għadira tan-nar u kubrit**, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieq, u jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem.*"

**Rivelazzjoni 21:8,**

"*Iżda l-beżżiegħa, u dawk li ma jemmnux, u l-moqżieża, u l-qattiela, u ż-żienja, u saħħara, u l-idolatri, u l-giddieba koll-ha, ikollhom sehemhom fil-**għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit**: din hi t-tieni mewt.*"

- **Huwa mfisser bħala "ħofor mudlama":**

**2 Pietru 2:4,**

> "*Għax jekk Alla ma ħafirhiex lill-anġli li dinbu, imma tefagħhom fl-***infern***, u għalaqhom* ***f'ħofor mudlama****, merfugħin għall-ħaqq.*"

- **Ukoll huwa mfisser bħala "l-ħofra":**

**Ġob 33:16-30,**

> "*Imbagħad jiftaħ widnejn il-bnedmin, u jbeżżagħhom bit-twissijiet. Biex ibiegħed il-bniedem mill-egħmil tiegħu, u jaħbi l-kburija mill-bniedem; Biex iħarislu ruħu mill-***ħofra***, u ħajtu milli tintemm bis-sejf. Il-bniedem hu wkoll imwidd-eb b'uġigħ fuq is-sodda tiegħu, u b'rogħda bla hedu f'għad-mu. Għalhekk ħajtu tistmell il-ħobż u ruħu l-aktar ikel bnin. Laħmu jdub li ma jibqax jidher, u għadmu li qabel ma kienx jidher jinkixef. Iva, ruħu toqrob lejn* ***il-ħofra****, u ħajtu lejn dawk li jġibu l-mewt. Iżda jekk ħdejh ikun hemm anġlu, interpretu, wieħed fost l-eluf, biex igħarraf lill-bniedem x'in-hu tajjeb għalih: Alla jħenn għalih, u jgħid: Eħilsu li ma jin-żilx* ***fil-ħofra****! Jien sibt fidwa għal ħajtu. Ħa jixxettel ġismu bħal ma kien f'żgħoritu; ħa jarġa' għall-jiem ta' żgħożitu: Imbagħad il-bniedem jitlob lil Alla, u Alla jilqgħu: u jiġi quddiemu bil-ferħa; għax Alla jrodd lill-bniedem is-sewwa tiegħu. Imbagħad igħanni lin-nies, u jgħid: Dnibt, u għaw-wiġt dak li kien sewwa, u ma kontx ikkastigat daqs kemm ħaqqni. Ħeles Alla lil ruħi, li ma tmurx* ***fil-ħofra****, u ħajti tara d-dawl. Ara: Alla jagħmel dan kemm-il darba mal-bniedem. Li jreġġagħlu ruħu mill-***ħofra***, biex idawwalha bid-dinja tal-ħajja.*"

**Salm 28:1,**

> "*Lilek, Mulej, blata tiegħi, insejjaħ. La tkun trux għalija: Jekk int tkun trux għalija, jiġrili bħal dawk li jinżlu fil-***ħofra***.*"

**Salm 30:3, 9,**

> "*Mulej, int tellajt lil ruħi mis-saltna ta' l-imwiet: int żam-mejtni ħaj, biex ma ninżilx fil-***ħofra***…X'jiswa demmi, jekk ninżel fil-***ħofra***? Se jfaħħrek forsi t-trab? Ixandar it-trab is-sewwa tiegħek?*"

**Salm 69:15,**

*"La tħallix il-widien ta' l-ilma jegħrquni, u lanqas id-dagħbien jiblagħni, u lanqas il-***ħofra** *tagħlaq ħalqha fuqi."*

**Salm 88:4,**

*"Jien magħdud ma' dawk li neżlin fil-***ħofra***; jien qisni bniedem bla saħħa."*

**Salm 103:4,**

*"Hu jifdi lil ħajtek mill-***ħofra***; hu jinkurunak bit-tjieba u l-ħniena."*

**Salm 143:7,**

*"Fittex ismagħni, O Mulej: l-ispirtu tiegħi ddgħajjef: la taħbix wiċċek minni, li ma nkunx bħal dawk li jinżlu fil-***ħofra***."*

**Proverbji 1:12,**

*"Ħa nibilgħuhom ħajjin, bħas-saltna ta' l-imwiet; u sħaħ bħal dawk li jinżlu fil-***ħofra***."*

**Isaija 14:15, 19,**

*"Iżda int, fis-saltna ta' l-imwiet titniżżel, f'qiegħ il-***ħofra***."*

**Isaija 38:17-18,**

*"Ara, kien għall-ġid tiegħi stess li kelli ħafna mrar: iżda int, b'imħabba għal ruħi, ħlistha mill-***ħofra** *tat-taħsir, għax tfajt ħtijieti kollha wara spallejk."*

**Eżekjel 26:20,**

*"Imbagħad inniżżlek ma' dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****, għand il-poplu ta' żmien ilu, u nqiegħdek fil-qiegħ nett ta' l-art, fil-ħriebi ta' żmien ilu, ma' dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****, biex ma tkunx aktar imgħammra; iżda jien nagħti l-ġmiel fuq l-art tal-ħajjin."*

**Eżekjel 28:8,**

*"***Fil-ħofra** *jmiżżluk, u tmut mewt il-maqtulin f'nofs l-ibħra."*

**Eżekjel 31:14, 16,**

*"Biex l-ebda waħda mis-siġar kollha ħdejn l-ilma ma tikber fil-għoli tagħha, u lanqas ma tgħolli rasha ġol-friegħi iffoltjati, u l-ebda siġra msoqqija ma tintrafa' bil-għoli tagħha:*

*għax kollhom mogħtijin lill-mewt, fid-dinja ta' taħt, qalb ulied il-bnedmin, ma' dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****.*"

**Eżekjel 32:18-30,**

*"O bin il-bniedem, newwaħ għall-kotra ta' l-Eġittu, u niżżil-hom, lilha u l-bniet ta' ġnus qawwija, fid-dinja ta' taħt, ma dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****. Lil min tgħaddi fis-sbuħija? Inżel, u nxteħet ma' rġiel bla ċirkonċiżjoni. Jaqgħu qalb dawk li huma maqtulin bis-sejf: l-Eġittu ntgħata għas-sejf : karkru lilu u l-kotra tiegħu kollha. Il-qawwijin fost is-setgħana jkellmuh minn nofs is-saltna ta' l-imwiet, ma' dawk li kienu jgħinuh: niżlu, dawk ta' bla ċirkonċiżjoni, mimdumin, maqt-ulin bis-sejf. Hemm qiegħed Assur u l-qtajja tiegħu: il-qobra tiegħu qegħdin madwaru: kollha maqtulin, waqgħu taħt is-sejf. Il-qobra tiegħu qegħdin 'l isfel nett* ***fil-ħofra****, u l-qtajja tiegħu huma madwar qabru: kollha maqtulin, waqgħu bis-sejf, dawk li kienu jġibu l-biża' f'art il-ħajjin. Hemm GĦel-am u l-kotra tiegħu, kollha madwar qabru; kollha maqtulin, waqgħu bis-sejf, u niżlu bla ċirkonċiżjoni fid-dinja ta' taħt: huma xerrdu l-biża' tagħhom f'art il-ħajjin, u ġarrew għajb-hom ma' dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****. Qegħdulu sodda, f'nofs il-maqtulin, mal-kontra kollha tiegħu: il-qobra tiegħu madwa-ru, kollha bla ċirkonċiżjoni, maqtulin bis-sejf (għalkemm il-biża' tagħhom kien imxerred f'art il-ħajjin) u ġarrew għajb-hom ma' dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****: tqiegħdu f'nofs il-maq-tulin. Hemm Mesek, Tubal, u l-kotra tiegħu kollha; il-qobra tiegħu madwaru: kollha bla ċirkonċiżjoni, maqtulin bis-sejf, għalkemm xerrdu l-biża' tagħhom f'art il-ħajjin. U ma jkunux mimduda mal-qawwijin li waqgħu fost dawk ta' bla ċirkonċiżjoni, li niżlu fis-saltna ta' l-imwiet bl-armi tagħhom tal-gwerra, u li qegħdulhom sjufhom taħt rashom; iżda l-ħażen tagħhom qiegħed fuq għadamhom, għalkemm kienu l-biża' tal-qawwijin f'art il-ħajjin. Iva, int titkisser f'nofs dawk ta' bla ċirkonċiżjoni, u timtedd ma' dawk li huma maqtulin bis-sejf. Hemm Edom, is-slaten tiegħu, u l-prinċpijiet tiegħu kollha, li b'qawwithom kollha huma mimdumin ma' dawk li huma maqtulin bis-sejf. Huma wkoll mimduda ma' dawk ta' bla ċirkonċiżjoni, u ma' dawk li jmorru* ***fil-ħofra****. Hemm il-prinċpijiet kollha tat-tramuntana, u s-Sidonin kollha, li niżlu mal-maqtulin, għalkemm kienu jbeżżgħu bil-qawwa tagħ-hom. Huma mimdudin bla ċirkonċiżjoni ma' dawk li huma*

*maqtulin bis-sejf, u jġorru għajbhom ma' dawk li jinżlu* ***fil-ħofra****.*"

- U l-***qiegħnett***:

**Salm 63:9,**

"*Iżda dawk li jfittxu r-rovina ta' ruħi, jinżlu fil-****qiegħnett*** *ta' l-art.*"

**Salm 71:20,**

"*Int, li wrejtni għali kbir u qalil, terġa' tagħtini l-ħajja, u terġa' tqajjimni minn* ***qiegħ*** *l-art.*"

**Salm 86:13,**

"*Għax kbira t-tjieba tiegħek għalija: u int fdejtli ruħi minn* ***imkien il-mejtin****.*"

**Proverbji 9:18,**

"*Iżda hu ma jafx li hemm igħammru l-mejtin; u li l-mistednin tagħha qegħdin f'* ***qiegħ saltnet l-imwiet****.*"

**Isaija 14:15,**

"*Iżda int fis-saltna ta' l-imwiet titniżżel,* ***f' qiegħ il-ħofra****.*"

**Biki ta' Ġeremija 3:55,**

"***Sejjaħt*** *ismek, O Mulej, minn* ***qiegħ il-ħofra****.*"

**Eżekjel 32:23,**

"*Il-qobra tiegħu qegħdin 'l isfel nett* ***fil-ħofra****, u l-qtajja tiegħu huma madwar qabru: kollha maqtulin, waqgħu bis-sejf, dawk li kienu jġibu l-biża' f' art il-ħajjin.*"

**Mattew 11:23,**

"*U int Kafarnahum, li int imgħollija sas-sema, titniżżel sal-****qiegħnett****.*"

**Luqa 10:15,**

"*U int, Kafarnahum, taħseb li se togħla sas-sema? Sa għol-****qiegħ*** *għad tinxteħet.*"

- U dan fih ***iġsma mejta***:

**Isaija 66:24,**

*"U huma joħorġu, u jaraw l-**iġsma mejta** ta' l-irġiel li xxewxu għalija: għax id-dud tagħhom ma jmutx, u lanqas in-nar tagħhom ma jintefa'; u jkunu tkexkixa għall-ħajjin kollha."*

## Kondizzjoni ta' dawk li qegħdin hemm:

- **Dawk fl-infern huma *mejta għal darbtejn*:**

**Ġuda 12,**

*"Dawn in-nies huma tbajja' għalikom fil-laqgħat tagħkom għall-ikla ta' l-imħabba, jixxalaw flimkien, bla misthija, ifittxu lilhom infushom, sħab bla xita misjuqa mir-riħ; siġar bla frott fi tmiem il-ħarifa, **mejta għal darbtejn**, mqaċċta millgħeruq."*

- **Huma mietu t-tieni mewt:**

**Rivelazzjoni 20:14,**

*"Mbagħad il-mewt u post il-mejtin ġew mnixħuta fil-belliegħa tan-nar—din l-għadira tan-nar hija **t-tieni mewt**."*

**Rivelazzjoni 21:8,**

*"Imma għall-ġwejjef, għal min ma baqax fidil, għal dawk ta' ħajja mħassra, għall-qattiela, għaż-żienja, għas-saħħara, għall-idolatri u għall-giddieba kollha, sehemhom ikun filbelliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit, **din hi t-tieni mewt**."*

- **Huma jkunu kkastigati:**

**Mattew 25:46,**

*"U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem."*

**Ġuda 1:7,**

*"U hekk ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għaż-żina u ntelqu wara l-pjaċiri kontra n-natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu **l-kastig** tan-nar ta' dejjem."*

- **Huma kkundannati:**

**Mattew 23:33,**

*"Ja sriep u nisel il-lifgħat, kif se taħarbu mill-**kundanna** ta' l-infern?"*

**Mark 16:16,**

*"Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun* ***ikkundannat****."*

**Ġwanni 3:18,**

*"Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa* ***kkundannat****, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla."*

**Ġwanni 5:24, 28-29,**

*"Tassew tassew ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsir ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja…Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu; dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-* ***kundanna****."*

**Galatin 1:8-9,**

*"Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom evanġelju ieħor li m'huwiex dak li ħabbarnielkom aħna,* ***ikun misħut****! Bħalma ġa għidnielkom, u ntenni ngħidilkom issa; jekk xi ħadd iħabbrilkom ħaġa oħra għajr dak li ġa rċevejtu,* ***ikun misħut****!"*

**2 Tessalonikin 2:12,**

*"Ħalli b'hekk dawk kollha li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen, ikunu* ***kkundannati****."*

**Ġakbu 5:12,**

*"Imma fuq kollox, ħuti; la taħlifux, u la bis-sema u la bl-art, u tieħdu ebda ġurament ieħor; iżda ħallu l-"iva" tagħkom ikun "iva" u l-"le" tagħkom ikun "le", biex hekk ma tkunux* ***ikkundannati****."*

- **Għall-qerda:**

**Mattew 7:13,**

*"Għaddu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għall-****qerda****, u ħafna huma li jgħaddu minnha."*

**Ġwanni 17:12,**

*"Kemm domt magħhom, jiena ħaristhom fl-isem tiegħek, l-isem li tajtni. U jiena ħadt ħsiebhom, u ħadd minnhom ma nqered ħlief bin il-**qerda**, biex isseħħ l-Iskrittura."*

**Rumani 9:22,**

*"Jekk Alla li jrid juri l-korla tiegħu u jgħarraf il-qawwa tiegħu, issaporta b'sabar kbir l-oġġetti tal-korla lesti għall-**qerda**."*

**Galatin 6:8,**

*"Min jiżra' f'ġismu jaħsad mill-ġisem it-**taħsir**, min jiżra' fl-ispirtu, jaħsad mill-ispirtu l-ħajja ta' dejjem."*

**Filippin 3:19,**

*"Il-**qerda** tkun tmiemhom; alla tagħhom hu żaqqhom, jiftaħru b'dak li jmisshom jisthu minnu; u moħħhom biss fil-ħwejjeġ tad-dinja."*

**1 Tessalonikin 5:3,**

*"Meta kulħadd jibda jgħid: 'sliem u mistrieħ', dak il-ħin stess, bħall-uġigħ fuq mara li tkun waslet għall-ħlas, tiġi fuqkom għal għarrieda l-**qerda** u ma jeħilsu b'xejn."*

**2 Tessalonikin 1:9,**

*"Dawn għad jitħallsu bil-**qerda** ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu."*

**2 Tessalonikin 2:3,**

*"Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod! L-aħħar jum ma jkunx magħna qabel ma tkun seħħet ir-rewwixta u jinki-xef il-bniedem tad-dnub, bin il-**qerda**."*

**1 Timotju 6:9,**

*"Imma dawk li jridu jistgħanu jaqgħu fit-tiġrib u fix-xibka u f'ħafna xewqat bla sens u ta' ħsara li jitfgħu lill-bnedmin fil-**qerda** u t-telfien."*

**2 Pietru 2:1-3,**

*"Dehru wkoll profeti foloz fost il-poplu, kif għad ikun hemm għallliema foloz fostkom. Dawn idaħħlu firdiet, li jġibu **l-qerda**, sa jaslu biex jiċħdu s-Sid li għalih kisibhom u malajr iġibu **l-qerda** fuqhom infushom. Ikun hemm ħafna li jimxu skond l-imġiba bla rażan tagħhom, u ħtija tagħhom tkun im-*

*kasbra t-triq tal-verità. Mqanqlin mir-regħba tagħhom, jagħmlu negozju minn fuqkom bi kliem qarrieq. Imma* **l**-*kundanna tagħhom ġa ilha minn żmien taħdem, u l-***qerda** *tagħhom ma raqditx.*"

**2 Pietru 3:7, 16,**

"*Hekk ukoll bl-istess kelma ta' Alla s-smewwiet u la-art ta' llum huma merfugħin għall-ħruq, miżmumin sa jum il-ġudizzju, li jkun jum* ***il-qerda*** *tal-ħżiena…hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ tqal biex wieħed jifimhom, u dawk li ma jifhmux u li m'humiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għall-***qerda** *tagħhom stess; hekk jagħmnlu mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura.*"

**Rivelazzjoni 17:8, 11,**

"*Il-bhima li int rajt, kienet, imma m'għadhiex iżjed; issa se titla' mill-bir bla qiegħ biex tmur għall-***qerda** *tagħha. U dawk li jgħammru fuq l-art, li sa mit-twaqqif tad-dinja isimhom, m'huwiex imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, jistagħġbu huma u jaraw il-bhima li kienet u li m'għadhiex iżjed u li għad terġa' tidher…U l-bhima, li kienet u ma għadhiex iżjed, hi stess hija t-tmien waħda, imma wkoll waħda mis-sebgħa, u sejra għall-***qerda** *tagħha.*"

- **Telfien:**

**1 Timotju 6:9,**

"*Imma dawk li jridu jistgħanu jaqgħu fit-tiġrib u fix-xibka u f'ħafna xewqat bla sens u ta' ħsara li jitfgħu lill-bnedmin fil-qerda u* ***t-telfien***.*"

- **Dawk fl-*infern* ibatu l-mistħija:**

**Isaija 1:29,**

"*Għax huma għad* **jistħu** *mis-siġar tal-ballut li intom xtaqtu, u tiregħxu mill-ġonna li għażiltu.*"

**Danjel 12:2,**

"*U ħafna minnhom li huma reqdin fit-trab ta' l-art iqumu, x'uħud għall-ħajja ta' dejjem, u oħrajn għall-għajb u għall-infamja ta' dejjem.*"

- **Għajb:**

**Isaija 1:29,**

*"Imma l-ħżiena u l-midinbin jitkissru flimkien, u dawk li jitilqu l-Mulej jntemmnu. Għax huma għad **jistħu** mis-siġar tal-ballut li intom xtaqtu, u tiregħxu mill-ġonna li għażiltu."*

- **U għal infamja ta' dejjem:**

**Danjel 12:2,**

*"U ħafna minnhom li huma reqdin fit-trab ta' l-art iqumu, x'uħud għall-ħajja ta' dejjem, u oħrajn għall-għajb u għall-**infamja ta' dejjem**."*

- **Għaliex l-għadab ta' Alla jibqa' fuqhom:**

**Ġwanni 3:36,**

*"Dak li jemmen bl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem; u dak li ma jemminx bl-Iben ma jarax il-ħajja; iżda **għadab** Alla jgħammar fuqu."*

- **Dawn qegħdin fl-agunija:**

**Luqa 16:24-25,**

*"U għajjat, u qal: Missieri Abraham, ikolok ħniena minni, ibgħar 'il Lażżru biex ibill tarf sebgħu fl-ilma, u jberridli lsieni; għax qiegħed **muġugħ** f'din il-fjamma tan-nar.Iżda qal Abraham: Ibni, ftakar li int ħadt il-ġid f'ħajtek, u Lażżru wkoll ħa d-deni; iżda issa hu jitfarraġ, u int **tbati**."*

- **U fi tbatijiet ħorox:**

**Luqa 16:23, 28,**

*"U f'art l-imwiet, waqt li kien fi **tbatijiet ħorox**, rafa' għajnejh, u ra 'l Abraham mill-bogħod u 'l Lażżru fi ħdanu …Għax għandi ħamest aħwa; biex ma jiġux f'dan il-post ta' **tbatijiet ħorox**."*

**Rivelazzjoni 14:10-11,**

*"U hu wkoll jixrob mill-inbid tal-korla ta' Alla li hemm imferragħ safi fit-tazza tal-qilla tiegħu, u **jinħaqar** b'nar u kubrit quddiem l-anġli u quddiem il-Ħaruf. U d-duħħan tagħhom **tat-tbatija** tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem; u ma jkollhomx mistrieħ, la billejl u lanqas binhar, dawk li jinxteu jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha u min jieħu l-marka ta' isimha."*

**Rivelazzjoni 20:10,**

> "*Mbagħad id-demonju, li kien qarraq bihom, sab ruħu mwaddab fil-belliegħa ta' nar u kubri, fejn hemm ukoll il-bhima u l-profeta qarrieqa, u jibqgħu* ***jbatu*** *lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem.*"

- **Fl-*infern* kulħadd ikun immellaħ bin-nar:**

**Mark 9:48-49,**

> "*Fejn id-dud tagħhom ma jmutx u fejn in-nar ma jintefiex. Għax* ***kulħadd ikun immellaħ bin-nar****.*"

- **In-nar qiegħed jaqbad:**

**Isaija 1:31,**

> "*U l-qawwi jsir bħal stoppa, u egħmilu xrara, u t-tnejn jinħarqu flimkien, u ħadd ma jkun hemm biex jitfihom.*"

**Isaija 33:14,**

> "*Il-midinbin jibżgħu f'Sijon; il-biża' ħakem lill-midgħija. Min minna jista' joqgħod ma'* ***nar li jeqred****? Min minna jista' joqgħod ma' ħwejjeġ ta' dejjem?*"

- **Huma mqattigħn fi bċejjeċ:**

**Mattew 24:51,**

> "*U jagħmlu bċejjeċ u jagħtih li ħaqqhom in-nies ta' wiċċ b'ieħor; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.*"

- **It-tnejn il-ġisem u r-ruħ huma meqruda fl-*infern*:**

**Mattew 10:28,**

> "*U tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ; imma aktar ibżgħu minn dak li jista'* ***jeqred kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern****.*" (Grieg *Gehenna.*)

- **Ma hemmx mistrieħ matul il-jum jew billejl:**

**Rivelazzjoni 14:11,**

> "*U d-duħħan tagħhom tat-tbatija tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem; u ma jkollhomx mistrieħ,* ***la billejl u lanqas binhar****, dawk li jinxteu jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha u min jieħu l-marka ta' isimha.*"

- **Ċertament li mhix xi ħaġa li tistkanta li hemm *ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien*:**

**Mattew 8:12,**

> "*Waqt li dawk li twieldu fis-saltna jitkeċċew 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-***biki u t-tgħażżiż tas-snien***!*"

**Mattew 13:42, 50,**

> "*U jixħethom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien…u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-***biki u t-tgħażżiż tas-snien***.*"

**Mattew 22:13,**

> "*Mbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qegħdin iservu, 'Orbtulu riġlejh u jdejh u waddbuih 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-***biki u t-tgħażżiż tas-snien***.*"

**Mattew 24:51,**

> "*U jagħmlu bċejjeċ u jagħaqqhom in-nies ta' wiċċ b'ieħor: hemmhekk ikun hemm il-***biki u t-tgħażżiż tas-snien***.*"

**Mattew 25:30,**

> "*U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħu 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-***biki u t-tgħażżiż tas-snien***.*"

**Luqa 13:28,**

> "*Hemmhekk ikun hemm il-***biki u t-tgħażżiż tas-snien***, meta taraw lil Abraham u lil Iżakk u lil Ġakobb u l-profeti kollha fis-saltna ta' Alla, u intom imkeċċija 'l barra.*"

## Tul ta' żmien:

Orribbli daqs kemm huwa l-infern u t-tbatija tiegħu, din issir agħar. Għaliex darba li xi ħadd imur hemm, ma hemmx tmiem għalih.

- **Fl-*infern*, id-dud ma jmutx:**

**Isaija 66:24,**

> "*U huma joħorġu, u jaraw l-iġsma mejta ta' l-irġiel li xxewxu għalija: għax* ***id-dud tagħhom ma jmutx****, u lanqas in-nar tagħhom ma jintefa'; u jkunu tkexkixa għall-ħajjin kollha.*"

**Mark 9:48,**

*"Fejn* ***id-dud tagħhom ma jmutx****, u n-nar ma jintefiex."*

- **In-nar qatt ma jintefa'**

**Mark 9:43,**

*"U jekk idek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra, jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda fil-ħajja, milli li tmur b'idejk it-tnejn fl-infern, fin-nar* ***li ma jintefiex****."*

- **Tabilħaqq dan ma jintefiex:**

**Isaija 66:24,**

*"U huma joħorġu, u jaraw l-iġsma mejta ta' l-irġiel li xxewxu għalija: għax id-dud tagħhom ma jmutx, u* ***lanqas in-nar tagħhom ma jintefa'****; u jkunu tkexxkixa għall-ħajjin kollha."*

**Mark 9:48,**

*"Fejn* ***id-dud tagħhom ma jmutx****, u n-nar ma jintefiex."*

- **L-orruri ta' l-*infern* jibqgħu matul il-jum u matul il-lejl:**

**Rivelazzjoni 20:10,**

*"U x-xitan li qarraq bihom kien mitfugħ fil-għadira tan-nar u kubrit, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieqi, u jbatu* ***lejl u nhar*** *għal dejjem ta' dejjem."*

- **Għal dejjem:**

**2 Pietru 2:17,**

*"Dawn huma għejun bla ilma, sħab imġerri minn tempesta; li għalihom hu merfugħ is-swied tad-dlam* ***għal dejjem****."*

**Ġuda 13,**

*"Mewġ ħorox tal-baħar, kollhom ragħwa tal-għajb tagħhom; kwiekeb ġerrejja, li għalihom hu merfugħ is-swied tad-dlamijiet* ***għal dejjem****."*

- **U għal dejjem ta' dejjem:**

**Rivelazzjoni 14:11,**

*"U d-duħħan tagħhom tat-tbatija tagħhom jitla'* ***għal dejjem ta' dejjem****; u ma jkollhomx mistrieħ,* ***la billejl u lanqas binhar****, dawk li jinxteu jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha u min jieħu l-marka ta' isimha."*

**Rivelazzjoni 20:10,**

*"Mbagħad id-demonju, li kien qarraq bihom, sab ruħu mwaddab fil-belliegħa ta' nar u kubri, fejn hemm ukoll il-bhima u l-profeta qarrieqa, u jibqgħu jbatu lejl u nhar* ***għal dejjem ta' dejjem****."*

- **L-*infern* huwa etern:**

**Mattew 18:8,**

*"Jekk idek jew sieqek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra u armiha 'l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda jew b'sieq waħda fil-ħajja, milli tkun mixħut b'idejk it-tnejn jew b'saqajk it-tnejn* ***fin-nar ta' dejjem****."*

**Mattew 25:41, 46,**

*"Mbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug: 'Morru minn quddiemi, misħutin,* ***fin-nar ta' dejjem*** *li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu…U dawn imorru fit-tbatija* ***ta' dejjem*** *u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem."*

**Ġuda 7,**

*"U hekk ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għaż-żina u ntelqu wara l-pjaċiri kontra n-natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig* ***tan-nar ta' dejjem****."*

- **Ma jispiċċaw qatt:**

**Isaija 33:14,**

*"Il-ħatja f'Sijon twerwru, fuq il-ħżiena waqa' l-biża'. Min minna se joqgħod ma' nar qerriedi? Min minna se joqgħod ma' nirien* ***dejjem iħeġġu****?"*

**Danjel 12:2,**

*"U ħafna minn dawk li huma fit-trab ta' l-art jistenbħu, min għall-ħajja ta' dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija* ***għal dejjem****."*

**2 Tessalonikin 1:9,**

*"Dawn għad jitħallsu bil-peina tat-telfien* ***ta' dejjem****, 'il bogħod minn wiċċ il-Mulej u mill-glorja tal-qawwa tiegħu."*

## Twissija biex tiskansa jkun xi jkun il-prezz:

- **Ġesù jagħtina twissijiet serji ħafna dwar kif nevitaw l-*infern*.**

**Mark 9:42,**

*"U min jiskandalizza wieħed minn dawn iż-żgħar li jemmnu fija, aħjar ikun għalih li tidedendel ġebla ta' mitħna m'għon-qu, u jixteħet il-baħar."*

**Luqa 17:1-2,**

*"Imbagħad qal lid-dixxipli: Ma jistax ikun li ma jsirux skandli: iżda jaħasra għal min isiru minħabba fih! Ikun aħjar għalih jekk tiddendel m'għonqu ġebla ta' mitħna, u jintafa' l-baħar milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċkejk-nin."*

- **Tabilħaqq, kif diġa' rajna aktar qabel, Ġesù jwissina li jkun aħjar li naqtgħu xi partijiet minn ġisimna milli nirriskjaw li mmorru fl-infern:**

**Mattew 5:29-30,**

*"U jekk għajnek il-leminija tfixklek, aqlagħa, u armiha bgħid minnek: għax jaqbillek li tispiċċa biċċa waħda min-nek, u mhux li ġismek kollu jintrema* ***fl-infern****. U jekk idek il-leminija tfixklek, aqtagħa, u ixħetha bgħid minnek: għax jaqbillek li tispiċċa biċċa waħda minnek, mhux ġismek kollu jixteħet* ***fl-infern****."*

**Mattew 18:8,9,**

*"Għalhekk jekk idek jew riġlek ifixkluk, aqtagħhom, u armi-hom bgħid minnek: aħjar għalik tidħol zopp jew magħtub fil-ħajja milli jkollok żewġ idejn jew żewġ saqajn biex tirtema* ***fin-nar ta' dejjem****."*

**Mark 9:43-47,**

*"U jekk idek tfixklek, aqtagħha: aħjar ikun għalik li tidħol magħtub fil-ħajja, milli jkollox iż-żewġ idejn biex tmur* ***l-infern, fin-nar lima jintefa qatt****: Fejn id-duda tagħhom* ***ma tmutx, u n-nar ma jintefiex****. U jekk sieqek tfixklek, aqtagħ-ha: aħjar ikun għalik li tidħol zopp fil-ħajja, milli jkollok żewġ saqajn biex tintafa'* ***fl-infern, fin-nar li ma jintefa qatt****. Fejn id-duda tagħhom* ***ma tmutx****, u* ***n-nar ma jintefiex****. U jekk għajnek tfixklek, aqlagħha: aħjar ikun għalik li tidħol fis-saltna ta' Alla b'għajn waħda, milli jkollok żewġ għajn-ejn biex tintafa'* ***fin-nar ta' l-infern****: Fejn id-duda tagħhom* ***ma tmutx, u n-nar ma jintefiex****."*

- **U aħna mwissija biex ma nibżgħux minn oħrajn imma biex minflok nibżgħu minn Alla, li għandu s-setgħa li jitfa' fl-infern:**

**Luqa 12:5,**

> "*Iżda jien nurikom minn qabel minn min għandkom tibżgħu: Ibżgħu minn dak, li wara li jkun qatel għandu s-setgħa li jitfa'* ***fl-infern****; iva, ngħidilkom: Ibżgħu minnu.*" (Grieg, *Gehenna*).

## Konklużjoni

Jekk aħna nużaw dawn id-deskrizzjonijiet kollhata' l-infern biex nagħmlu xbiha mentali tal-post etern tal-kastig, huwa iebes li timmaġina għaliex xi ħadd jirriskja li jmur hemm. Għaliex xi ħadd jirriskja tument bla tmiem bħal dan meta Alla pprovda triq biex nevitawh permezz tad-demm ta' l-Iben waħdieni Tiegħu, Ġesù Kristu?

L-infern jeżisti, jgħidu x'jgħidu xi wħud! L-infern huwa post reali ta' agunija u tbatija. U darba li wieħed ikun fl-infern, dan ikun hemm għal dejjem ta' dejjem, għal l-eternità kollha! Għalhekk it-twissija:

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

L-istedina tal-Mulej qiegħda hemm għal kull min irid. Ismagħha:

> "*U l-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid; Ejja. U ħa jiġi min hu bil-għatx.* ***U kull min irid****, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn*" (Rivelazzjoni 22:17).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com